MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Numru 515/2008

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Neville Mario Rizzo, iben Francis, imwieled Attard fl-1 ta' Jannar, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' Novembru, 2007 u fil-ġranet ta' qabel, ikkometta serq ta' diversi oġġetti mir-residenza Flat 3, Juno Flats, Pembroke għad-dannu ta' Sandra Francica u Kyle Francica, għall-ammont ta' aktar minn €233 iżda anqas minn €2,330, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2008 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li r-refurtiva ġiet mogħtija lura lil sidha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2008 fejn id-derubati ħafru lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(d)(e), 263, 267, 268, 269(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali u il-fatt li l-oġġetti misruqa ġew ritornati.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------